

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6563 – Mexichem SIH/Wavin)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 127/04)

1. Fit-23 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha Mexichem Soluciones Integrales Holding SA de C.V. ("Mexichem") takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-impriża kollha Wavin N.V. ("Wavin"), permezz ta' offerta pubblika mħabbra fid-9 ta' Marzu 2012.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Mexichem tispeċjalizza fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni globali tal-klorur tal-poli-vinil (PVC) u ta' plastikizzaturi, kif ukoll fil-produzzjoni u fil-fornitura ta' xi sustanzi intermedjarji. Mexichem tipproduċi wkoll sistemi ta' pajpijiet magħmula mill-PVC, ġonot u aċċessorji tal-plastik għall-konduttività ta' fluwidi, b'mod partikolari għall-ilma, iżda anke għall-elettriku u l-gass naturali,
- Wavin tispeċjalizza fil-manifattura u fil-fornitura ta' sistemi ta' pajpijiet magħmula minn materjali varji. Wavin tipproduċi u tbiegħ sistemi ta' pajpijiet u soluzzjonijiet maħsuba għall-gass, għall-ilma, għad-dranaġġ, għall-inkanalari ta' kejbils u għal skopijiet oħra ta' kostruzzjoni, kif ukoll l-aċċessorji li jmorru ma' dawn is-sistemi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6563 – Mexichem SIH/Wavin, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").